

**Brussell, 28 ta' Frar 2019
(OR. en)**

6761/19

**SOC 148
EMPL 116
EDUC 116
JEUN 24**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	L-iżvilupp tal-ħiliet għall-adulti
	- Nota ta' gwida mill-Presidenza

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż in-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu waqt l-ikla ta' nofsinhar fil-Kunsill EPSCO tal-15 ta' Marzu 2019.

Dibattitu tal-EPSCO waqt l-ikla ta' nofsinhar

L-iżvilupp tal-ħiliet għall-adulti - prijorità fil-kuntest ta' bidliet soċjoekonomiċi fl-UE

Bidliet strutturali kkawżati minn żviluppi teknoloġiċi rapidi bħad-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni, ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll id-domanda li dejjem qed tiżdied għal ħiliet differenti fis-suq tax-xogħol, jippreżentaw sfidi konsiderevoli għas-sistemi edukattivi u tat-taħriġ vokazzjonali u għall-ħaddiema.

Sadanittant, żviluppi soċjali bħat-tixjiħ demografiku u l-migrazzjoni jgħibu wkoll l-isfidi tagħhom. Jeħtieġ li ċ-ċittadini kollha, inkluż l-anzjani, ikollhom l-għarfien u l-ħiliet li għandhom bżonn biex jgħixu ħajja indipendenti u jkomplu jikkontribwixxu għas-soċjetà.

F'ekonomija li qed tinbidel b'ritmu mgħaġġel, in-nies ma jistgħux jiddependu biss mill-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali tagħhom. Iridu l-ħin kollu jaġġornaw u jġeddu dak li jafu biex jirnexxu fis-suq tax-xogħol u jħejju għal tranżizzjonijiet fil-karriera. Is-sistemi edukattivi u tat-taħriġ vokazzjonali jridu għalhekk jipprovdu opportunitajiet, rispons u soluzzjonijiet innovattivi.

Il-bidla teknoloġika rapida u d-diġitalizzazzjoni joħolqu servizzi u prodotti ġodda, li jbiddu u saħansitra jieħdu post dak li kien isir qabel. L-Ewropej li m'għandhomx il-ħiliet meħtieġa biex igawdu mill-innovazzjoni qed jissugraw li jkunu esklużi.

It-tagħlim għall-adulti għandu rwol essenzjali fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. Huma meħtieġa politika u sistemi b'saħħithom biex jippermettu lil kulħadd l-aċċess għal firxa wiesgħa biżżejjed ta' metodi biex itejbu l-ħiliet tal-adulti u servizzi ta' appoġġ relatati bħal pereżempju gwida u għoti ta' pariri.

Skont it-tbassir, id-domanda fl-Ewropa għal ħiliet ta' livell medju u għoli ser tkompli tikber. Diġà għandna skarsezzi f'setturi essenzjali u hemm nuqqas ta' ħiliet bażiċi ta' litteriżmu, numeriżmu kif ukoll fil-qasam diġitali. Ir-Rakkomandazzjoni dwar Perkorsi tat-Titjib tal-Ħiliet adottata mill-Kunsill fl-2016 kienet f'waqtha ħafna u huma meħtieġa sforzi sostnuti biex tiġi implimentata b'suċċess. Sa ftit snin oħra, il-ħtieġa għal ħiliet ser issir aktar urġenti f'għadd ta' pajjiżi tal-UE. Jenħtieġu miżuri ta' adattament tas-sistemi edukattivi u tat-taħriġ kif ukoll tal-politika f'għadd ta' oqsma oħra biex negħlbu din l-isfida tal-ħiliet, u biex permezz ta' hekk niżguraw il-kompetittività, insaħħu l-innovazzjoni u nappoġġaw il-koeżjoni fl-ekonomiji Ewropej. Għandu jidher, b'mod partikolari, l-investiment fis-sistemi tat-tbassir u tat-tqabbil tal-ħiliet.

Qed jikber il-bżonn ta' taħriġ mill-ġdid u ta' aġġornament tal-ħiliet tal-popolazzjoni adulta, inkluż gruppi żvantaġġati, biex ikunu jistgħu jibqgħu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol. Il-miżuri meħuda għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħaddiema fil-livelli kollha.

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jqisu l-kwistjonijiet li ġejjin:

- 1. F'liema oqsma hi meħtieġa kooperazzjoni Ewropea biex jissaħħaħ it-tagħlim tal-adulti bl-intenzjoni li jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol li qed jinbidlu b'ritmu mgħaġġel?*
- 2. Kif jistgħu jiġu żviluppati s-sistemi ta' finanzjament nazzjonali b'appoġġ għall-ħtiġijiet enormi ta' titjib fil-ħiliet u l-kisba ta' ħiliet ġodda tal-popolazzjoni adulta? Kif jista' finanzjament Ewropew jikkomplementa bl-aħjar mod il-finanzjament fil-livell nazzjonali?*
- 3. Min huma s-sħab prinċipali fit-tmexxija ta' dawn l-isforzi?*